**4 ta' Frar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Mizzi *noe*

versus

Rev. Professur George Schembri

**Spoll – Soċjetà Kummerċjali**

*Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika u jekk persuni illi skond l-istatut ta' soċjetà kummerċjali għandhom il-fakoltà illi jaġixxu f'isem is-soċjetà u jagħmlu atti f'isem l-istess soċjetà u fl-interess ta' l-istess soċjetà, u dawn l-atti jikkostitwixxu spoll, hija s-soċjetà illi tkun responsabbli għall-ispoll, u l-istess soċjetà hi azzjonabbli tramite d-diretturi tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-attur fil-kwalità tiegħu premessa, wara illi ppremetta illi uffiċjali tal-kumpanija attriċi fis-27 ta' Marzu 1990 indunaw li l-konvenut fetaħ twieqi jew aperturi ġodda fuq il-proprjetà ta' l-attur fis-Saqqajja r-Rabat fejn kienet it-Trunċiera u l-Ex *Cadwich House;*

Illi dan sar illegalment u abużivament u mingħajr ebda permess tas-soċjetà attriċi;

Illi l-attur interpella *lill-konvenut sabiex dan jagħlaq l-*aperturi iżda dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Illi dan jikkostitwixxi spoll privileġġjat;

Talab għaliex din il-Qorti:

1. Ma għandux jiġi ddikjarat u deċiż li huwa fetaħ aperturi jew twieqi illegalment u abużivament fuq il-proprjetà tas-soċjetà attriċi fis-Saqqaja r-Rabat f'*Chadwich House;*

2. Ma għandux fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti jagħlaq l-aperturi msemmija;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' April 1990, il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi biha eċċepixxa:

Illi l-fond fejn kienet it-Trunċiera *House* u li fih infetħu twieqi jew aperturi ġodda fuq proprjetà li allegatament hija tas-soċjetà attriċi ma jappartjenux lill-konvenut, u dana skond kopja ta' kuntratt li jġib id-data tad-disgħa ta' Jannar 1989 ippubblikat min-Nutar Antoine Agius hawn anness u mmarkat Dok. "A" iżda s-Soċjetà estranja li jisimha Trunċiera Co. Ltd., li tagħha lanqas hu direttur u dan skond kopja tal-*Memorandum and Articles tagħha hawn annessa u mmarkata Dok.* "*B*";

Għalhekk jitlob li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun hemm bżonn;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-15 ta' April, 1991, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut, iddikjarat li hu mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati kollha mill-konvenut u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej;

*Omissis;*

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-attur *nomine*, magħmul fil-paragrafu numru (1) tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu hawn fuq imsemmija, illi soċjetà kummerċjali qatt ma tista' tikkommetti spoll. Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika u jekk persuni illi skond l-istatut ta' soċjetà kummerċjali għandhom il-fakoltà illi jaġixxu f'isem is-soċjetà u jagħmlu atti f'isem l-istess soċjetà u fl-interess ta' l-istess soċjetà, u dawn l-atti jikkostitwixxu spoll, hija s-soċjetà illi tkun responsabbli għall-ispoll;

*Omissis;*

Il-konvenut waqt it-trattativi msemmija qatt ma missu ħalla lis-soċjetà attriċi fid-dlam dwar il-fatt illi l-proprjetà illi fiha saru x-xogħlijiet lamentati mill-attur *nomine* ma kinitx tiegħu biex imbagħad waqt din il-kawża jissorprendi lis-soċjetà attriċi eċċezzjoni illi ressaq. Dan l-aġir tal-konvenut ma huwa xejn korrett, iżjed u iżjed meta jiġi kkunsidrat xi stat ta' ħajja jħaddan il-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, in vista ta' dan, l-ispejjeż tal-

kawża, illi saret inutilment kontra l-konvenut, għandhom jiġu sopportati mill-konvenut;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Albert Mizzi *nomine*, ippreżentata fit-23 ta' April, 1991;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Albert Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Mizzi Developments Limited* li biha talab lil din il-Qorti li jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April, 1991, kwantu din ċaħdet it-talbiet attriċi billi tilqagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet *tal-konvenuta u tikkonfermaha kwantu* l-ispejjeż kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tiegħu, l-ewwel Qorti waslet għal deċiżjoni żbaljata meta din stqarret li kumpanija tista' tikkommetti spoll. In sostenn ta' dan huwa jissottometti fl-ewwel lok, li l-att li bih wieħed jieħu l-liġi b'isejh ma jistax isir jekk mhux minn persuna umana. Is-soċjetà taġixxi permezz ta' persuna umana u għalhekk kull azzjoni għall-ksur ta' pussess *trid issir kontra persuna umana. Fit-tieni lok* l-appellant qiegħed isostni li l-att magħmul mhux skond il-memorandum u l-"*Articles of Association*" jaqa' taħt ir-

responsabbilità ta' min jagħmlu;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qiegħed jallega li hu nduna fis-27 ta' Marzu, 1990, li l-konvenut kien fetaħ twieqi jew aperturi ġodda minn fuq il-post tiegħu għal fuq il-proprjetà tagħha adjaċenti u dan abużivament u illegalment, u qiegħed jitlob lill-Qorti tordnalu jneħħihom;

Minn eżami tal-kuntratt esibit tad-9 ta' Jannar, 1989, (fol. 9) jirriżulta li l-konvenut u ħuh Pio Schembri kienu biegħu lis-soċjetà "Trunċiera *Company Ltd.*" biċċa art fabbrikabbli fis-Saqqajja Square, Rabat li fuqha, qabel, kienet mibnija dar bl-isem "Trunċiera" mingħajr numru u *garage* anness magħha. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut qatt ma kien Direttur ta' din is-soċjetà;

Issa t-twieqi u aperturi li fuqhom hemm l-ilment ta' l-attriċi, nfetħu fil-bini ġdid li ttella' fuq l-art trasferita mill-konvenut lis-soċjetà Trunċiera *Company Ltd.* bil-kuntratt fuq imsemmi. Kwindi meta nfetħu l-imsemmija aperturi fuq dan il-bini ġdid, dawn ma setgħux infetħu minnu iżda mill-kumpanija "Trunċiera Co. Ltd." li tagħha huwa ma kienx direttur. Barra minn hekk is-soċjetà attriċi ma resqet ebda prova li l-istess twieqi kienu nfetħu minnu;

Issa **s-soċjetà kummerċjali** bħal ma hi "Trunċiera *Co. Ltd.*" **tiġi mmexxija permezz tad-Diretturi tagħha** u l-konvenut ma kienx wieħed minnhom. **Għalhekk għall-ftuħ ta' l-aperturi** "*de quo*" **hija semmai responsabbli s-soċjetà** fuq

**imsemmija u azzjonabbli tramite d-direttur tagħha.** Jidher li s-soċjetà attriċi ma għamlitx indaġini sew qabel istitwiet il-proċeduri preżenti kontra l-konvenut u ġiet ukoll svijata kif qalet l-ewwel Qorti. In fatti l-ewwel Qorti għad li fis-sentenza appellata laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju akkollat lilu l-ispejjeż tal-kawża. Bħala fatt però għandu jingħad li ma jirriżulta minn imkien li l-konvenut kellu x'jaqsam b'xi mod personalment mal-ftuħ ta' l-aperturi in kwistjoni. għalhekk lanqas dak li ġie sottomess mill-appellant fit-tieni lok ma jista' jirrigwardah. L-aggravju ta' l-appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell tas-soċjetà attriċi u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-15 ta' April, 1991;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà attriċi appellanti.